

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)  
> Croatia

## Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Il-Kroazja

Il-Kroazja



Il-qrati ordinarji huma l-qrati muniċipali u tal-kontea.

### Il-qrati muniċipali

1. jirriżolvu kawżi kontenzjużi u mhux kontenzjużi dwar l-infurzar;
2. isolvu każijiet ta' suċċessjoni u każijiet li jolqtu r-reġistru tal-artijiet, u jżommu reġistri tal-artijiet;
3. jiddeċiedu dwar kawżi kriminali, ħlief dawk li għalihom il-ġuriżdizzjoni fil-konfront tas-suġġett ta' qorti oħra tkun stabbilita mil-liġi;
4. jiddeċiedu dwar każijiet ta' delitti, ħlief dawk li għalihom il-ġuriżdizzjoni fil-konfront tas-suġġett ta' korp ieħor tkun stabbilita mil-liġi;
5. jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi ta' qorti barranija u deċiżjonijiet ta' korpi oħra li huma ekwivalenti għal sentenzi tal-qorti fil-pajjiż fejn ingħataw;
6. iwettqu kompiti relatati mal-assistenza legali internazzjonali fi proċedimenti taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
7. jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Istati Membri tal-UE fi kwistjonijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
8. iwettqu kompiti oħra kif previst mil-liġi.

[Il-qrati muniċipali fir-Repubblika tal-Kroazja](#)

### Il-qrati tal-kontea

1. jirriżolvu appelli minn sentenzi tal-qorti muniċipali, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi;
2. jirriżolvu kawżi fl-ewwel istanza meta l-ġuriżdizzjoni tagħhom tkun preskritta mil-liġi;
3. iwettqu investigazzjoni u proċedimenti dixxiplinari notarili f'reati dixxiplinari u jiddeċiedu fuq dawn ir-reati fl-ewwel istanza, jekk ikun previst mil-liġi;
4. jiddeċiedu dwar appelli minn deċiżjonijiet mogħtija fi proċedimenti dixxiplinari minħabba l-kondotta li ma tkunx waħda professjonali ta' nutar pubbliku, jekk hekk previst mil-liġi;
5. iwettqu kompiti relatati mal-assistenza legali internazzjonali fi proċedimenti taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom;
6. jinvolvu ruħha f'kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali mal-Istati Membri tal-UE fi kwistjonijiet li jaqgħu il-ġuriżdizzjoni tagħhom, ħlief f'każijiet ta' delitti;
7. jeżegwixxu sentenzi kriminali barranin;
8. iwettqu kompiti oħra kif previst mil-liġi.

[Il-qrati tal-kontea fir-Repubblika tal-Kroazja](#)

L-aħħar aġġornament: 15/04/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.